**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 763/2018 AF**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**B'digriet tat-2 ta' Ottubru 2018, l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia LL.D u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil David Wayne Mattingly (detentur ta' passaport Amerikan bin-numru 210145923), assenti minn Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' HSBC Bank Malta plc, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-bank rikorrenti kien ikkonceda facilità ta' self lill-intimat, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Peter

Fleri Soler datat l-20 ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), (kopja tal-kuntratt ta’ self u sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. “RAF1” u “RAF2”).

Il-bilanc li ghandu jhallas l-intimat huwa ta’ mija u tlieta u erbghin elf tlett mija u sebgha u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€143,337.59), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta’ tnejn u erbghin elf hames mija u hames Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€42,505.58), rapprezentanti interessi li ddekorrew sal-15 ta’ Gunju 2018 u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. “RAF3”.

Ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lill-bank rikorrenti is-somma kumplessiva ta’ mija hamsa u tmenin elf tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u sbatax-il centemzu (€185,843.17), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Gunju 2018, u dana b’rizerva ghal dawk l-imghaxijiet legali dovuti mis-16 ta’ Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Minkejja li l-intimat gie interpellat mill-bank rikorrenti, anke permezz ta’ ittra ufficcjali tad-9 ta’ Frar 2016 (Dok. “RAF4”), huwa baqa’ inadempjenti, biex b’hekk huwa ddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, li l-intimat ghandu jaghti lill-bank rikorrenti s-somma ta’ mija hamsa u tmenin elf tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u sbatax-il centemzu (€185,843.17), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Gunju 2018, u dana oltre dawk l-imghaxijiet legali dovuti mis-16 ta’ Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta’ mija hamsa u tmenin elf tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u sbatax-il centemzu (€185,843.17), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Gunju

2018, u dana oltre dawk l-imghaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-ittra ufficjali surreferita u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekoribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello mahtura minn din il-Qorti kif presjeduta biex jidhru ghall-assenti David Wayne Mattingly li permezz taghha gie eccepit illi:

Il-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.

Jitolbu li jinghataw l-ahhar indirizz maghruf u *contact details* ohra tal-assenti David Wayne Mattingly.

Li jkun hemm *breakdown* dettaljat ta' kif is-socjetà rikorrenti waslet ghas-sorte u l-imghax dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi specjalment fil-kaz ta' kuraturi deputati li mhumiex edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit ta' Doreen Cunningham.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tal-provi kollha prodotti, xejn minnhom kontestat, il-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu hija misthoqqa.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi David Wayne Mattingly ghandu jaghti lil HSBC Bank (Malta) plc is-somma ta' mija hamsa u tmenin elf tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u

sbatax-il centemzu (€185,843.17) bl-imghax mis-16 ta' Lulju 2018;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija hamsa u tmenin elf tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u sbatax-il centemzu (€185,843.17), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Gunju 2018, u dana oltre dawk l-imghaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv,

bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn David Wayne Mattingly.

IMHALLEF

DEP/REG